MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 146/2011

**S.R.A.M. Limited**

**Vs**

**Geomike Limited u John Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà S.R.A.M. Limited fit-3 ta’ Mejju 2011 permezz ta’ liema titlob li s-socjetà Geomike Limited u John Cauchi flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta’ hdax-il elf hames mija u tletin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€11,530.77), bilanc mis-somma akbar ta’ €21,530.77 originarjament minnhom dovuta lilha kif jirrizulta mid-dokument Dok. “A” anness mar-Rikors, liema somma tirrapprezenta xoghlijiet ta’ *electrical and mechanical installations* u xoghol iehor relatat u spejjez inkorsi minnha fil-Cote D’Azur Restaurant li jinsab f’St. Anthony Street, Marsascala, liema xoghlijiet gew esegwiti minnha b’inkarigu tas-socjetà Geomike Limited u John

Cauchi jew min minnhom, u dana prevja dikjarazzjoni li dawn ix-xoghlijiet gew effettivament rezi minnha, bl-imghax skond l-oghla rata permessa mill-Ligi dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment mar-Rikors, kontra taghhom;

Rat id-dokument Dok. "A" anness mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' John Cauchi permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma huwiex il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici peress illi kwalsiasi xogholijiet maghmula mis-socjetà attrici saru fuq istruzzjonijiet, inkarigu w a beneficcju tas-socjetà konvenuta Geomike Limited li effettivament hija l-proprjetarja tal-fond Cote D'Azur Restaurant, in konnessjoni ma' liema fond appuntu saru x-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici; u li (ii) huwa ma huwiex id-debitur tas-socjetà attrici ta' l-ammont minnha pretiz permezz ta' dawn il-proceduri u kwalsiasi ammont huwa se mai dovut mis-socjetà konvenuta Geomike Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Geomike Limited permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament, ma hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici stante li hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattattivi maghha u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat taghha sabiex jidhol f'xi trattattivi ma' l-istess socjetà attrici; (ii) John Cauchi u s-socjetà Geomike Limited huma persuni legalment distinti u ghaldaqstant ladarba jirrizulta li kull trattattiva saret ma' certu John Cauchi, li la hu Ufficjal, azzjonist u lanqas qatt kien awtorizzat jirrapprezenta lis-socjetà Geomike Limited, kull azzjoni ghandha tigi diretta lilu peress li huwa dejjem agixxa f'ismu u minn jeddu ghal liema raguni s-socjetà Geomike Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; u (iii) fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li hija qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fir-Rikors promotur;

Semghet ix-xhieda ta' Steve Mifsud moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Jannar 2012[1], tal-21 ta' Frar 2012[2] u ta' l-24 ta' Mejju 2012[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "SM1" sa' Dok. "SM3" a fol. 32 sa' 38 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut John Cauchi moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012[4] u x-xhieda ta' George sive Gino Cauchi moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Frar 2012[5], ta' l-24 ta' Mejju 2012[6] u ta' l-4 ta' Lulju 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "GV1" a fol. 46 sa' 52 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut John Cauchi permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Lulju 2012 markati Dok. "JC1" sa' Dok "JC3" a fol. 56 sa' 76 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Romwald Attard in rappresentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA3" a fol. 86 sa' 93 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici pprezentata fl-20 ta' Mejju 2013, rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta Geomike Limited ipprezentata fis-6 ta' Gunju 2013 u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut John Cauchi ipprezentata fit-13 ta' Gunju 2013;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà Geomike Limited u John Cauchi, flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom, jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' €11,530.77, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti xoghlijiet ta' *electrical and mechanical installations* u xoghol iehor relatat u spejjez minnha inkorsi fil-Cote D'Azur Restaurant li jinsab f'St. Anthony Street,

[1] Fol. 27 sa' 30 tal-process.
[2] Fol. 39 tal-process.
[3] Fol. 54 tal-process.
[4] Fol. 40 u 41 tal-process.
[5] Fol. 42 u 43 tal-process.
[6] Fol. 53 tal-process.
[7] Fol. 77 tal-process.
[8] Fol. 94 u 95 tal-process.

Marsascala, liema xoghlijiet gew minnha esegwiti b'inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom, u dana prevja dikjarazzjoni li dawn ix-xoghlijiet gew effettivament rezi minnha. Il-konvenut John Cauchi jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma huwiex il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici peress illi kwalsiasi xogholijiet maghmula mis-socjetà attrici saru fuq istruzzjonijiet, inkarigu w a beneficcju tas-socjetà konvenuta Geomike Limited, li effettivament hija l-proprjetarja tal-fond Cote D'Azur Restaurant, in konnessjoni ma' liema fond appuntu saru x-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici; u li (ii) huwa ma huwiex id-debitur tas-socjetà attrici ta' l-ammont minnha pretiz permezz ta' dawn il-proceduri u kwalsiasi ammont huwa se mai dovut mis-socjetà konvenuta Geomike Limited. Is-socjetà konvenuta Geomike Limited da parte taghha tilqa' ghat-talbiet attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) preliminarjament, ma hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici stante li hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattattivi maghha u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat taghha sabiex jidhol f'xi trattattivi ma' l-istess socjetà attrici; (ii) John Cauchi u s-socjetà Geomike Limited huma persuni legalment distinti u ghaldaqstant ladarba jirrizulta li kull trattattiva saret ma' dan John Cauchi, li la hu Ufficjal, azzjonist u lanqas qatt kien awtorizzat jirrapprezenta lis-socjetà Geomike Limited, kull azzjoni ghandha tigi diretta lilu peress li huwa dejjem agixxa f'ismu u minn jeddu ghal liema raguni s-socjetà Geomike Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u li (iii) fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li hija qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fir-Rikors promotur.

Mill-eccezzjonijiet sollevati minn entrambe l-konvenuti jirrizulta immedjatament evidenti li ebda wiehed minnhom ma hu qed jikkontesta: (i) il-fatt li s-socjetà attrici esegwiet xoghlijiet ta' *electrical and mechanical installations* fil-fond Cote D'Azur Restaurant fi St. Anthony Street, Marsascala; (ii) il-kwalità tax-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici; u (iii) il-*quantum* ta' l-ammont minnha pretiz bil-proceduri odjerni. Il-kontestazzjoni ewlenija ta' kull wiehed miz-zewg

konvenuti hija li huwa ma huwiex responsabbli ghall-hlas ta’ l-ammont mitlub mis-socjetà attrici stante li skond kull wiehed minnhom tali ammont huwa lilha dovut mill-konvenut l-iehor.

Mix-xhieda ta’ Steve Mifsud, proprjetarju u Direttur tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Jannar 2012[9], jirrizulta li s-socjetà tieghu esegwiet xoghlijiet ta’ *mechanical installations* fir-restaurant “Cote D’Azur” proprjetà tas-socjetà konvenuta Geomike Limited u li l-ewwel kuntatt bejniethom sar tramite telefonata li huwa rcieva minghand il-konvenut John Cauchi. Fir-rigward Steve Mifsud xehed illi *is-socjetà taghna kienet giet rakkomandata lilu mis-supplier minghand min kien xtara l-madum u l-accessorji tat-toilets u madum varju. Kien cempilli kif spjegajt biex nara x’xoghol kellu bzonn isir. Meta ltqajna kien hemm prezenti John Cauchi kif ukoll huh Gino. Meta ltqajna dakinhar, iltqajna fuq il-post li kien ghadu f’shell form. Kienu ghaddewli l-pjanti preparati mid-designer taghhom Carmel Spiteri, u qaluli x’kellhom f’mohhom bhala xoghol. Kienu talbuni wkoll biex nohorgilhom stima biex jaraw kemm ix-xoghol kien ser jigi jiswa. Jiena fil-fatt hdimt l-istima u ghaddejtielhom, l-istima giet accettata. Meta nghid stima rrid nispjega li jiena bhala fatt kont tajthom rati u mhux figura globali. Dawn ir-rati gew accettati u fil-fatt dawn gew iffirmati minn wiehed minnhom, tawni l-go ahead u x-xoghol inbeda. ... Meta bdejna bix-xoghol dan kien ikun hemm sorveljanza kemm minn naha ta’ Gino Cauchi u kemm minn naha ta’ John Cauchi. Fil-fatt ghar-rigward tax-xoghol li kellu jsir fil-kcina l-iktar li kelli x’naqsam kien ma’ Gino Cauchi. Meta mbaghad kien hemm xoghol li kellu jsir fil-kumplament tar-restaurant kien ighidli biex inkellem lil John. Gino Cauchi kellu f’idejh l-pjanti tal-kcina kif fornuti lilu mis-supplier minn barra minn fejn kienet gejja din il-kcina u kien ighidli x’kien hemm bzonn isir. Fil-fatt nerga’ ntenni li kemm Gino kif ukoll John, it-tnejn kienu jinkarigawni biex naghmel ix-xoghol. Meta jien kont gejt inkarigat bix-xoghol u ntlabt nohrog ir-rati dawn inhargu fuq Geomike Limited. Meta jien fil-fatt kont staqsejthom ma’ min kelli x’naqsam huma*

[9] Fol. 27 sa’ 30 tal-process.

*kienu qaluli li jien kelli x'naqsam ma' Geomike Limited u ghalhekk ir-rati hargu fuqha. Meta jien kont nitlob pagamenti akkont tax-xoghol li kien isir, kont niddiskuti ma' Gino u hu kien ighidli tiehux hsieb issa nirranga jiena, u fil-fatt imbagad ftit taz-zmien wara kien jigi John Cauchi bic-cheque. Allura jiena kont qed nifhem li bejniethom kien hemm il-wiehed. Jekk minix sejjer zball il-pagamenti saru permezz ta' bank draft. ... Il-kont finali nhareg fuq Geomike Limited. Wara li nhareg dan il-kont jiena gejt infurmat minn Gino Cauchi li hu u huh kellhom xi disgwid bejniethom u ghalhekk Gino qalli biex nistenna ftit u biex ma ninkwetax ghax kienu ser ihallsuni ta' kollox.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta li Steven Mifsud fehem u nghata x'jifhem li x-xoghol minnu esegwit kien qed jigi esegwit fuq inkarigu ta' u ghas-socjetà Geomike Limited, proprjetarja tar-restaurant, specjalment meta ntalab johrog l-istima u l-kont finali fuq l-imsemmija socjetà. Dak illi fehem Steve Mifsud gie kkonfermat minn George sive Gino Cauchi, Direttur u azzjonist tas-socjetà Geomike Limited, li nonostante l-eccezzjoni sollevata mill-imsemmija socjetà fis-sens illi *hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattattivi mar-rikorrenti u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat minn taghha sabiex jidhol f'xi trattattivi ma' l-istess rikorrenti*, fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti rrikonoxxa w ammetta li x-xoghol esegwit mis-socjetà attrici gie esegwit ghas-socjetà tieghu u li hija dik is-socjetà li ghandha thallas ghalih.

F'tali rigward George sive Gino Cauchi xehed illi *l-inkarigu kien inghata lil Mifsud minn hija John peress li jien ma tantx nifhem fil-plumbing u l-elettriku. Irrid nghid li jien personalment ga kont sibt kuntrattur iehor qabel Mifsud izda lil hija ma kienx ghogbu u kien ghalhekk li fl-ahhar imbaghad qabbadna lil Mifsud. Ix-xoghol kellu jsir fir-restaurant Cote D'Azur li huwa proprjetà tas-socjetà konvenuta. Jidhirli li f'dan il-kaz il-pagamenti lis-socjetà attrici kienu saru permezz ta' bank draft. <u>Is-socjetà attrici ma thallsitx il-bilanc dovut lilha ghar-raguni li s-socjetà konvenuta m'ghandhiex fondi</u>[10]. Fil-fatt biex hadna l-loan*

[10] Sottolinear tal-Qorti.

*mal-bank konna ghamilna cost forecast izda dan il-forecast inqabez sostanzjalment. Apparti minn hekk hija kellu jgib xi flus minn barra izda dawn baqghu ma waslux. Fuq domanda tal-Qorti jekk hemmx xi kwistjonijiet fuq ix-xoghlijiet esegwiti, nghid li jien mal-kont finali ma naqbilx. Lis-socjetà attrici u senjatament lil Mifsud kont weghdtu li malli jkollna l-fondi jien inhallsu*[11]*, izda nghid li kien hemm affarijiet li jien ma naqbilx maghhom fil-kont, per ezempju jien qed nigi ccargjat ghal pressure test li jien jidhirli li m'ghandix inhallas ghalih jien. Meta ghedt nuqqas ta' fondi ridt infisser li l-flus gejjin minghandi u minghand hija John biex jidhlu fil-kumpanija halli jithallsu l-kredituri, nghid illi hija John però il-flus ma gabhomx*[12]*.*

Minn din ix-xhieda huwa evidenti li s-socjetà konvenuta, tramite d-Direttur taghha George sive Gino Cauchi u nonostante dak minnha eccepit, bhala fatt tirrikonoxxi li x-xoghol esegwit mis-socjetà attrici fil-Cote D'Azur Restaurant gie esegwit a beneficcju taghha u li ghal tali xoghol is-socjetà attrici ghandha tithallas minghandha. Ir-ragunijiet veri ghalfejn is-socjetà attrici ghadha ma thallsitx ghax-xoghol minnha esegwit huma: (i) id-disgwid li hemm bejn John Cauchi u George sive Gino Cauchi; u (ii) in-nuqqas ta' fondi fis-socjetà konvenuta – fatturi dawn li bl-ebda mod ma ghandhom jippregudikaw lis-socjetà attrici u l-jedd taghha li tithallas ghax-xoghol esegwit minnha u li bl-ebda mod ma jissosstanzjaw l-eccezzjonijiet moghtija mis-socjetà konvenuta in opposizzjoni ghat-talbiet attrici.

Fattur iehor li juri b'mod car li x-xoghol esegwit mis-socjetà attrici gie esegwit ghal u fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta Geomike Limited huwa l-fatt li z-zewg *bank drafts* li rceviet is-socjetà attrici bhala hlas akkont tal-valur tax-xoghlijiet esegwiti minnha inhargu mill-kont tas-socjetà konvenuta fuq struzzjonijiet ta' l-istess socjetà. Dan johrog ferm car mix-xhieda li ta Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. waqt is-seudta tat-30 ta' Ottubru 2012[13] u mid-dokumenti esebiti minnu

[11] Sottolinear tal-Qorti.
[12] Sottlinear tal-Qorti. Xhieda in ezami u kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2012.
[13] Fol. 94 u 95 tal-process.

markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA3" a fol. 86 sa' 93 tal-process. Ladarba zewg *bank drafts* ghall-valur ta' €5,000 il-wiehed intizi biex jithallas xoghol li gie esegwit fil-fond Cote D'Azur Restaurant proprjetà tas-socjetà konvenuta inhargu mill-kont bankarju ta' l-istess socjetà konvenuta, il-Qorti difficilment tista' tilqa' l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta li ma hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici ghaliex hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattativi mas-socjetà attrici u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat minn taghha biex jidhol f'xi trattativi ma' l-imsemmija socjetà.

Nonostante dak li jirrizulta mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti s-socjetà konvenuta xorta wahda tipprova tahrab mir-responsabilitajiet taghha fil-konfront tas-socjetà attrici billi tikkontendi li John Cauchi – li kjarament kien involut fix-xoghlijiet esegwiti fil-fond Cote D'Azur Restaurant – ma kienx awtorizzat jagixxi ghan-nom taghha u ghalhekk se mai agixxa ghan-nom tieghu personali u konsegwentement kull hlas pretiz mis-socjetà attrici ghandu jigi saldat minnu. Din il-kontestazzjoni tas-socjetà konvenuta però ma tistax tigi milqugha ghaliex l-istess socjetà qed tinjora fattur ferm importanti u cioè li fl-ghoti ta' l-inkarigu u konsegwenti struzzjonijiet lis-socjetà attrici kien hemm involut mhux biss John Cauchi izda wkoll George sive Gino Cauchi li huwa kemm azzjonist kif ukoll Direttur fi hdanha. Fil-fehma tal-Qorti John Cauchi kien debitament awtorizzat mis-socjetà konvenuta biex jaghmel trattativi u jaghti struzzjonijiet lis-socjetà attrici ghan-nom taghha u dana partikolarment meta kien hemm involut ukoll George sive Gino Cauchi li mhux biss kien ferm prezenti fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici talli assekonda lil John Cauchi fl-operat tieghu.

Ghalkemm John Cauchi ma huwiex azzjonist jew ufficjal fi hdan is-socjetà konvenuta dana ma jfissirx li huwa ma setghax kien qed jagixxi ghan-nom taghha u dana stante li huwa principju rikonoxxut illi *kumpanija tista' tinnomina kull persuna biex tirrapprezentaha fl-atti gudizzjarji* – u din il-Qorti izzid tghid f'atti legali wkoll – *u m'hemmx bzonn li din il-persuna tkun registrata bhala rapprezentanta taghha*

*mar-Registratur tas-Socjetajiet*[14]. Il-presenza w intervent kostanti ta' George sive Gino Cauchi, li kif inghad huwa azzjonist u Direttur fi hdan is-socjetà konvenuta, hija fil-fehma tal-Qorti konferma ulterjuri ta' dan il-fatt stante li *d-diretturi ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija li tgawdi personalità guridika u indipendenti mill-membri li jikkomponuha. .... According to law, directors, in their dealings with the company are the mandataries of, and in their internal dealings with third parties are the agents of the company. In the former case the general principles of the law of mandate and in the latter case those of the law of agency would apply (F. Cremona, The Law on Commercial Partnerships in Malta, p. 108)*[15].

Konsegwentement ghalhekk ladarba John Cauchi kjarament ma kienx qed jagixxi f'ismu personali izda f'isem is-socjetà konvenuta necessarjament jirrizulta li kif minnu gustament eccepit huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici.

Fil-kuntest ta' dan kollu huwa opportun li jigi citat il-principju enuncjat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, Citaz. Nru. 1337/90** u cioè *hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor jinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni. ... Il-Qorti ssaqsi: Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjetà attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjetà attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett?*

---

[14] Said International Limited v. MAC Limited et, Appell Civili 3/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2003.

[15] Catherine Galea v. Milica Micovic noe, Citaz. Nru. 271/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 1995 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2001; Dr. Ian Refalo noe v. David Boweck et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Marzu 1983.

*Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjetà tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?*

Ikkunsidrati l-fatti ta’ dan il-kaz fid-dawl ta’ dan il-principju jirrizulta evidenti li l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta ma jistghux iregu. Jigi ribadit li mhux talli George sive Gino Cauchi, azzjonist u Direttur fi hdan is-socjetà konvenuta Geomike Limited, kien involut fl-ghoti ta’ l-inkarigu u konsegwenti struzzjonijiet lis-socjetà attrici ghax-xoghlijiet esegwiti fil-fond proprjetà tas-socjetà konvenuta, talli s-socjetà attrici giet diretta tohrog l-istima u l-kont finali f’isem Geomike Limited u din is-socjetà ghax-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici fil-fond proprjetà taghha harget favur l-istess socjetà attrici zewg pagamenti ta’ €5,000 – imhallsa permezz ta’ bank draft – mill-kontijiet taghha stess. Il-fatti kollha ghalhekk, u b'mod partikolari x-xhieda ta' George sive Gino Cauchi citata iktar 'l fuq f'din is-sentenza, juru b’mod car li kuntrarjament ghal dak eccepit mis-socjetà konvenuta, is-socjetà attrici esegwiet xoghlijiet fil-fond Cote D' Azur Restaurant proprjetà taghha a beneficcju u fuq inkarigu taghha stess u ghalhekk hija l-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz l-ammont pretiz mill-imsemmija socjetà huwa dovut minnha.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm George sive Gino Cauchi fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta’ Frar 2012[16] iddikjara li ma jaqbilx mal-kont finali mahrug mis-socjetà attrici, is-socjetà konvenuta ma ressqet ebda eccezzjoni dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit mis-socjetà attrici jew dwar il-*quantum* per se tal-bilanc minnha pretiz u ghaldaqstant din l-affermazzjoni partikolari ta’ Cauchi ma ghandhiex u ma tistax tigi kkunsidrat minn din il-Qorti. Dana l-fattur partikolari gie rikonoxxut mill-istess socjetà konvenuta li fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghha tissottometti li *hemm diversi punti li s-socjetà tikkritika fil-mod kif mexa x-xoghol u b’mod partikolari l-ammont pretiz. <u>Però l-esponenti socjetà hija tal-fehma li hija ma tistax tqanqal dawn il-punti fil-konfront tas-socjetà rikorrenti izda fil-konfront ta’ l-intimat l-iehor John Cauchi</u>*

[16] Fol. 42 u 43 tal-process.

[17]- sottomissjoni din li apparti kollox tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti li John Cauchi kien qed jagixxi ghan-nom u b'inkarigu tas-socjetà konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut John Cauchi u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta Geomike Limited; u
3. Konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta Geomike Limited u tikkundannaha thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €11,530.77, bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta' Jannar 2010, id-data kont finali mahrug mis-socjetà attrici, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez relattivi ghall-Mandati Kawtelatorji pprezentati kontestwalment mar-Rikors promotur, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta Geomike Limited

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[17] Sottolinear tal-Qorti.